TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 204

KAZ NRU 260

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Carmen Carbonaro

u

Yorkie Clothing Industry Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 17 TA' JANNAR, 1985

CHAIRMAN: MR A H CAMILLERI ACMA, CPAA.

1. INTRODUZZJONI

1.1 Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar id-29 ta' April, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

1.2 It-Tribunal zamm zewg seduti. L-ewwel seduta nzammet nhar il-Hamis, 1-l ta' Novembru, 1984 u s-Sur Alfred Mallia Milanes deher ghan-nom tal-kumpanija Yorkie Clothing Co Ltd mejjun mis-Sur V Calleja u Mrs Stafrace. L-appellant qrat l-istatement of case taghha waqt li s-Sur Mallia Milanes qara l-istatement of case ghan-nom tal-kumpanija.

1.3 Fit-tieni seduta li nzammet nhar il-Hamis, 15 ta' Novembru, 1984 is-Sur R Pellegrini ppresenta statement of case aktar dettaljat ghan-nom ta' Carmen Carbonaro.

2. STATEMENT OF CASE

2.1 Carmen Carbonaro ghan-nom taghha qalet li matul iz-zmien li damet impjegata mal-Kumpanija Yorkie, jigifieri ghal erbgha snin u tliet xhur, ghamlet xoghol ta' trimming, pressing u machine work. Dan ix-xoghol ghamlitu dejjem mill-ahjar li setghet u qatt ma kellha xi tghid mas-superjuri taghha. Ix-xoghol taghha kien sodisfacenti.

2.2 Fl-ahhar gimgha mit-tmiem taghha kienet qieghda taghmel xoghol ta' checking ta' qliezet izda fl-ahhar tawha taghmel checking ta' ggieget u ta' dan qatt ma kellha esperjenza. Ghalhekk Carbonaro talbet li tigi mghejjuna biex titghallem ticcekja l-ggieget izda s-superjuri deherilhom li ma kienx hemm ghalfejn. Xi hadd qal lil Miss Caspari li x-xoghol tal-buttuni kien hiereg hazin u din is-supervisor halliet ix-xoghol ghaddej. Wara s-Sur Calleja - il-General Manager kellem lil din id-supervisor dwar dan ghax ix-xoghol ma kienx sodisfacenti. Minn dan jidher li l-htija kollha kienet in-nuqqas ta' interess minn naha tas-supervisor.

2.3 "Jien gejt moghtija dan ix-xoghol gdid peress li dik il-gimgha qalulna li container kellu johrog u billi min kien suppost jaghmlu kien fuq sick leave gejna mqabbda naghmluh ahna," zidet tghid Carbonaro.

2.4 Meta jkun hemm izjed minn wahda mpjegata fuq ic-checking il-procedura hi li min jiccekkja x-xoghol jindika n-numru tal-punch card tieghu. Meta nstab li x-xoghol kien hiereg hazin u ma deher ebda numru fuqu, il-General Manager iddecieda li l-htija kienet tat-tnejn u temm l-impieg tat-tnejn.

2.5 Ta min jinnota li fuq il-work book ta' Carbonaro kien hemm miktuba l-kelma 'machinist' izda meta hija tat il-work book lill-management, dan hassar il-kelma 'machinist' u

.../3

flokha nizzel 'factory girl'. Il-Management naqasli ta xoghol ta' checking lill Carbonaro meta hija kienet impjegata bhala 'machinist'.

2.6 Id-decizjoni hazina li ha l-management fuq Carbonaro wassal biex hija sofriet problemi finanzjari minhabba l-fatt li sal-lum ghadha tinsab minghajr impieg.

3. Ghal-Kumpanija, is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li Carmen Carbonaro nee' Azzopardi bdiet tahdem ma Yorkie Clothing Industry Ltd fis-16 ta' Novembru, 1978.

3.1 Id-dmirijiet ewlenin taghha kienu li ticcekja u taccerta ruha li l-garment tkun mehjuta fuq il-livell rikjest.

3.2 Gurnata wahda l-management ghamel spot check wara li kien qed jircievi lmenti mill-klienti fuq il-ggieget li Carbonaro kienet ghaddiet bhala tajbin.

3.3 Carbonaro giet imwissija severament mill-management u gie mfisser lilha repetutament li taht l-ebda cirkostanza ma kellha tapprova xi xoghol jekk ma jkunx tal-kwalita' mehtiega u qalilha wkoll li dik l-ordni se tkun il-fattur determinanti jekk il-klient Germaniz jibqax jaghti ordnijiet lil-Kumpanija.

3.4 L-ghada fil-ghodu tal-incident imsemmi gie Malta awditur Germaniz u rega sab ix-xoghol kollu hazin. Dan irraporta lis-superjuri tieghu fuq in-nuqqas fl-istandard tal-finishing u l-kumpanija Germaniza ddecidiet li twaqqaf minnufieh l-ordnijiet li kellha mal-Yorkie Clothing Ltd.

3.5 B'konsegwenza tat-traskuragni persistenti ta' Carbonaro il-kumpanija tilfet ordnijiet kbar li kienu jaghtu xoghol lill erbghin ruh.

.../4

4. XHIEDA

Ghall-Appellant dehret din ix-xhud:-

- Miss Tania Camilleri.

Ghall-Kumpanija dehru dawn ix-xhieda:-

- Miss Melanie Micallef - Checker
- Miss Heidi Caspari - Salespromoter
- Mrs Marvic Stafrace - Manager
- Mr Victor Calleja - Managing Director

5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

5.1 Ghall-Appellant is-Sur Ronnie Pellegrini ssottometta li Carmen Carbonaro giet mkeccija minn mal-kumpanija Yorkie Clothing Ltd fl-24 ta' Frar, 1983.

5.2 Carbonaro kienet twahhal il-buttuni u ticcekkja u dan jikkonferma li x-xoghol li kienet taghmel m'ghandu x'jaqsam xejn mal-grad li kienet giet impjegata fih. Dan juri li Carbonaro kienet tikkopera bis-shih mal-kumpanija.

5.3 Carbonaro kienet tigi mghallma diversi xogholijiet fil-linji tal-kumpanija u dejjem taghat is-servizz shih taghha lill-kumpanija.

5.4 Il-kumpanija kienet taf li d-decizjoni li hadet li tkeccijha kienet kiefra u kienet sejra ggib tbatija finanzjarja zejda lil Carbonaro.

5.5 Meta ha d-decizjoni li jkecci lill Carbonaro l-Management ma mexiex skond ir-regolamenti ghax il-management taha warning wiehed biss.

5.6 Carmen Carbonaro batiet konsegwenzi finanzjarji u presentament tinsab bla xoghol.

5.7 Ghall-Kumpanija s-Sur Mallia Milanes issottometta li Carmen Carbonaro giet imqabbda mill-Management taghmel xoghol ta' checking fuq ggieget . Hija kellha ticcekkja u taccerta ruha li l-buttuni jkunu mehjuta tajba. Carbonaro kienet l-ahhar persuna fil-linja tal-produzzjoni responsabbli biex ticcekkja l-kwalita tax-xoghol.

5.8 Carbonaro giet imwissija severament mill-Management wara li kien sar spot check u nstab li hafna ggieget kienet ghaddiethom b'difetti fil-hjata tal-buttuni. Il-Management fisser ripetutament lill Carbonaro l-importanza tal-iccekkjar tal-ggieget qabel ma jghadduhom ghall-export.

5.9 B'dana kollu meta l-awditur Germaniz gie l-ghada stess biex jiccekkja x-xoghol sab il-prodotti kollha mahdumin hazin u dan irraporta l-kumpanija tieghu u dawn dlonk waqqfu x-xoghol minn mal-kumpanija Yorkie.

5.10 Dan kien kaz car fejn impjegata li giet imwissija bil-hniena li l-atteggament irresponsabbli taghha seta jikkaguna telf kbir ghall-kumpanija u ghall erbghin haddiema ohra u xorta wahda baqghet taghmel l-isbalji donnu apposta.

5.11 Miss Caspari , is-Supervisor, qalet li Carbonaro kienet taf taghmel tajjeb ix-xoghol taghha imma ma kienetx thobb taghmlu. Mrs Carbonaro kienet tbaghti bl-umuri - daqqa tahdem tajjeb u daqqa traskurata.

5.12 Carbonaro kellha bosta twiddibiet matul l-impieg taghha mal-Yorkie izda l-ahhar incident taht kien serju li wassal biex il-Kumpanija titlef ordnijiet tant importanti li l-Management ma kellux triq ohra hlief dik li jkecci lill-impjegata. Fuq kollox il-Kumpanija kellha l-obbligu morali li thares l-impieg tal-haddiema l-ohra.

5.13 Ebda raguni ma tista tiggustifika l-agir irresponsabbli ta' Carbonaro u l-kumpanija kienet gustifikata li tkecci lill Carbonaro.

6. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

6.1 Dan hu kaz car fejn impjegata wara bosta twissijiet baqghet taghmel xoghol hazin li wassal li l-kumpanija taghha tilfet ordnijiet sostanzjali minn kumpanija Germaniza.

6.2 It-traskuraggni ta' Carbonaro mhux biss telfet xoghol ghall-kumpanija izda setghet ukoll waddbet erbghin haddiem iehor barra bla xoghol.

6.3 Dan l-ahhar incident gara wara li l-Management widdeb severament lill Carbonaro fuq ix-xoghol li kienet taghmel u spjegala bil-hniena l-konsegwenzi li jistghu jinqalghu jekk il-finishing tal-prodotti ma jkunx tajjeb bizzejjed.

6.4 Carbonaro ma hadietx it-twissija u baqghet taghmel xoghol mhux soddisfacenti.

7. AWARD

7.1 It-Tribunal wara li ha in konsiderazzjoni l-punti kollha li ssemmew, jiddeciedi li t-tkeccija ta' Mrs Carmen Carbonaro minn mal-Kumpanija Yorkie Clothing Ltd kienet gustifikata u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. H. CAMILLERI
Chairman

Edw. D'Agostino
A/Segretarju

Data: 17 ta' Jannar, 1985

ja